**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Jonathan Ransley)**
**vs**
**Walter Mallo**

**Illum 26 ta' Novembru, 2015**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Walter Mallo, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 190881(M);

Akkuzat talli nhar il-25 ta' Novembru 2015 ghall-habta tat-8.30 ta' filghodu, fi Triq il-Wied, l-Msida;

1. Ingurja jew heddet jew ghamel offiza fuq il-persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew ibezzgha fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq PC 1289;

2. Naqas milli jhares xi wahda, w/jew aktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, u cioe’ mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman LLD u li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jaghmilx reat iehor ta’ natura volontarja;

3. Saq vettura ta’ ghamla Kia Pride b’numru ta’ registrazzjoni CAF 487 fi triq pubblika, liema triq hija mghammra b’sinjali ta’ dawl li jirregolaw it-traffiku tal-vetturi, u naqas li jieqaf meta s-sinjal kien qed jixghel fuq l-ahmar.

Rat id-dokumenti esebiti mill-prosekuzzjoni fosthom il-fedina penali tal-imputat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Il-Qorti spjegat l-import tal-akkuzi lill-imputat u semghet lill-imputat jiddikjara li fehem l-import tal-istess akkuzi.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat waqt is-seduta tal-lum fil-prezenza tal-Avukati Difensuri tieghu Dr. Marion Camilleri u Dr. Franco Debono, u ghalhekk fuq tali ammissjoni, l-Qorti m’ghandhiex triq ohra ghajr li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-imputat u avzatu b’mod l-aktar solenni bil-konsegwenzi legali ta’ l-ammissjoni tieghu u taghtu zmien xieraq biex jirrikunsidra l-ammissjoni tieghu biex jekk ried seta’ jerga’ lura minnha.

Semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tieghu, liema ammissjoni giet registrata fl-atti tal-kawza fis-seduta tal-lum stess;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena mid-Difiza u mill-Prosekuzzjoni li ssuggeriet ukoll li l-imputat ghandu jitqieghed taht Ordni ta' Probation biex jekk ghandu xi problema jsib l-ghajnuna mehtiega.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe l-Artiklu 95 u 579 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 125 (2) (a) tal-Ligi Sussidjarja 65.11, tiddikjara li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah multa kumplessiva ta' elf seba' mija u hamsin Ewro (€1,750) u tordna li l-imputat jitpogga taht Ordni ta' Probation ghal zmien sena mil-lum. Fuq talba tal-imputat l-imsemmija multa ghandha tithallas f'rati mensili ta' mitt Ewro (€100), bl-ewwel pagament ikun dovut fit-30 ta' Jannar 2016.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur